MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 675/2011

**Francesco Maria, *sive* Frank Giordmaina-Medici**
**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-13 ta’ Lulju 2011 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

**Dikjarazzjoni tal-Fatti:-**

1. Illi l-esponenti twieled fil-ħmistax (15) ta’ Awissu tas-sena elf disa’ mija u disgħa u erbgħin (1949) u dan kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala “Dok A”;

2. Illi fiċ-Ċertifikat tat-Twelid tar-rikorrent hawn imsemmi maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru

6812 tas-sena 1949 l-isem tar-rikorrent fil-kolonna *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* huwa ndikat bħala *"Francesco Maria";*

3. Illi sa minn meta twieled, ir-rikorrenti dejjem kien imsejjaħ u magħruf bl-isem ta' *"Frank"* u konsistentemnet kien magħruf b'dan l-isem u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi d-diversi dokumenti uffiċjali tal-Gvern maħruġa fil-konfront tal-esponenti ukoll juru inkonsistenza għar-rigward tal-isem tal-esponenti fejn fil-karta tal-identita, kopja tagħha hija hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B", huwa qiegħed imniżżel bħala *"Giordmaina Francesco Maria k/a Giordmaina Medici Frank"* filwaqt li fil-passaport tiegħu, kopja tiegħu hija hawn annessa u mmarkata bħala "Dok C", huwa mniżżel bħala *"Francis Giordmaina Medici";*

5. Illi *di piu*', id-diversi dokumenti uffiċjali oħrajn fosthom il-liċenzja tas-Sewqan (kopja hawn annessa u mmarkata bħala "Dok D") kollha jindikaw l-isem tar-rikorrent bħala *"Frank Giodmaina Medici"*;

6. Illi l-esponenti huwa miżżewweġ lil Rita nee' Briffa, liema żwieġ ġie ċelebrat fil-Floriana fl-għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin (1978), liema żwieġ ġie reġistrat mir-Reġistratur Pubbliku u mniżżel fiċ-ċertifikat numru elfejn, ħames mija u tlettax (2513) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebgħin. Illi l-isem tar-rikorrent f'dan l-imsemmi ċertifikat (liema ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala "Dok E") huwa wkoll indikat bħala "Francesco Maria";

7. Illi minn dan iż-żwieġ ir-rikorrenti għandu żewġt ulied, li jisimhom Alexia, li twieldet fit-12 ta' Diċembru 1980, liema ċertifikat tat-twelid iġib in-numru ta' reġistrazzjoni mija tnejn u disgħin (192) tas-sena 1981, (liema ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala "Dok F") u li jindika lir-rikorrent bl-isem ta' *"Francis Giordmaina Medici"*, u Christina Maria li twieldet fit-22 ta' Awissu 1982 liema ċertifikat iġib in-numru ta' reġistrazzjoni ħamest elef,

erba' mija tmienja u ħamsin (5458) tas-sena 1982 (liema ċertifikat huwa hawn anness u mmarkat bħala "Dok G") u li jindika lir-rikorrent bl-isem ta' *"Francesco Maria Giordmaina- Medici"*;

8. Illi l-fatti kif fuq esposti huma kollha magħrufa lill-esponent personali.

**Raġunijiet tat-Talba**

1. Illi kif premess, iċ-Ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti jurli l-isem "Francesco Maria" minkejja li d-diversi dokumenti uffiċjali oħra juru inkonsistenza fl-isem tar-rikorrent u minkejja li d-diversi dokumenti uffiċjali oħra juru inkonsistenza fl-iesm tar-rikorrent u minkejja li ilu magħrfu sa minn ċkunitu bl-isem ta' "Frank Giordmaina-Medici";

2. Illi tali inkonsistenza qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti;

3. Illi r-rikorrent ghandu interess skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li ssir id-debita korrezzjoni;

4. Illi għalhekk qegħda ssir din il-kawża;

**Talbiet**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid l-intimat għaliex Dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċesssarja u opportuna, inkluż l-Avviż lill-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:-

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti huwa konsistentement magħruf huwa ta' "Frank" u mhux ta' "Francesco Maria";

2. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorenti, hawn anness u mmarkat bħala "Dok A" minnu maħruġ bin-numru sitt elef, tmien mija u tnax (6812) tas-sena elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949),

fis-sens li fil-kolonna ntestata *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-isem "Francesco Maria" jiġi kkanċellat u ssostitwit bl-isem "Frank";

3. Tordna illi l-bdil affettwat fl-Att tat-twelid tal-esponenti jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili tal-esponent u dan b'rifrenza għall-passaport tal-esponenti (li jġib in-numru 739186), għall-karta tal-identita' tal-esponenti (bin-numru ta' reġistrazzjoni 681249M) għaċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-esponenti (li jġib in-numru 2513 tas-sena 1978) kif ukoll għaċ-Ċertifikat tat-twelid tat-tfal tiegħu Alexia (li jġib in-numru 192 tas-sena 1981) u Christina Maria (li jġib in-numru 5458 tas-sena 1982) kif hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fid-19 ta' Awissu 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Frank kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw

it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Frank u mhux Francesco Maria;

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Emmanuel Giordmaina, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bil-isem ***Frank*** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------